MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 439/2012

**The Light Shop Limited (C18914)**

**vs.**

**Pizza Factory Company Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mitejn u ghaxar Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€210.28) – rapprezentanti bilanc dovut dwar merkanzija akkwistata mis-socjeta`.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll

bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is- somma ta' mitejn u ghaxar Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€210.28), bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta' Mejju 2011 li hija d-data tal-fatturi mertu ta' din il-kawza, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------